KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 424 (8-52)

It-Tnejn l-1t'Awissu 2022 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Julian Borg (ħareġ fis-7.45pm)
Il-Kunsillier Adrian Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia
Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3)
Il-Kunsillier Kurstein Nicholas Sant
Il-Kunsillier Adrian Farrugia

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**424.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**424.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Kurstein Sant.

**424.1.2** Is-Sindku talab li tinbidel l-ordni tal-aġenda u tiġi diskussa item 424.8. Il-Kunsill unanimament qabel.

**424.8** **Proposta ta' proġett 'Green Infrastructure' mir-Reġjun Punent**

Is-Sindku stieden lill-Uffiċjal mir-Reġjun Punent biex jagħti spjegazzjoni tal-proposta. L-uffiċjal qal li sar eżerċizzju fil-lokalitajiet tar-Reġjun, fejn ġie identifikat is-sit kif jidher fil-pjanta, cioe is-saqaf tal-lattrina fil-playground Nalizpelra fi Triq it-Tabib Nikola Zammit biex jiġi żviluppat proġett ta' 'green infrastructure'. Peress li dan il-proġett fih anka spiża għal manutenzjoni stmata mal-€2400 fis-sena, huwa qal li dan ma jistax jiġi kopert bi proġett taħt skema tal-Ġal Majjistral, iżda qed jesplora fonti oħra minnfejn jistgħu jinġiebu fondi. Is-Sindku propona li jkompli jsir l-istħarriġ meħtieġ biex dan il-proġett jiġi attwat. Il-Kunsilliera Francine Farrugia ssekondat. Il-Kunsill unanimament approva.

**424.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 423. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Viċi Sindku ssekondat.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**424.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

**424.2.2** 423.2.2 Il-Kunsillera Julian Borg staqsa aġġornament dwar jekk il-kuntrattur kienx bgħat il-kontijiet u jekk ġewx applikati defaults. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fl-affermattiv. Huwa staqsa wkoll dwar il-kuntratt tal-knis u qal li kien talab skeda tat-toroq tal-knis, u skond il-fehma tiegħu is-servizz definittivament mhux jingħata skond l-iskeda. Huwa qal li is-servizz tal-knis mhux sodisfaċenti. Il-Kunsillier Borg staqsa wkoll dwar il-kuntratt tat-tindif tan-non urban. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntratt ġie tterminat fl-aħħar ta' Lulju u bħalissa qed jitnaddfu xi toroq b'direct order. Hija qalet li l-ġimgħa d-dieħla ser issir prova mill-offerent li kien it-tieni fir-ranking tat-tender biex eventwalment isir il-ftehim tal-kuntratt u jibda x-xogħol.

**424.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**424.3.1** Is-Sindku qal li ġejna nfurmati li l-esproprijazzjoni ta' art fi Triq Annabelle vassallo ġiet ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern u għaldaqstant il-proċess miexi biex eventwalment jibda x-xogħol.

**424.3.2** Is-Sindku qal li l-konferenza stampa dwar ix-xogħolijiet illegali fil-barriera ta' Burġabrun kienet xi ħaġa pożittiva biex il-Kunsill isemma l-vuċi tar-resident. Huwa qal li l-Kunsill ser ikompli jsus wara l-awtoritajiet biex jiġġieled l-abbuż kemm għal dik il-barriera u anka postijiet oħra. Huwa qal li l-Kunsill ġie mistieden għal laqgħa mal-ERA u l-Awtorita' tal-Ippjanar biex tiġi diskussa s-sottomissjoni li saret mill-Kunsill. Huwa stieden lill-membri jattendu għal din il-laqgħa.

**424.3.3** Is-Sindku informa l-evalwazzjoni tat-tender waslet fil-fażi finali u allura x-xogħol fuq il-Family Park fi Triq Salvu Borg Olivier għandu jibda f'Settembru.

**424.3.4** Xogħolijiet ta' upgrading u żieda ta' siġar

Is-Sindku propona li c-centre strip fi Triq Pietru Mallia fejn bħalissa hemm siġra waħda tal-palm mejta u l-kumplament bil-konkos, terġa ssir kif kienet snin ilu bil-konok, tinqala s-siġra l-mejta u jitħawlu numru ta' siġar indiġeni imdaqqsa. Huwa qal li ħa l-parir dwar x'tip ta' siġar l-aħjar jitħawlu li jkunu adattati għal post, u qed jinġabru stimi tax-xogħolijiet involuti. Il-Viċi Sindku ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill unanimament qabel.

**424.3.5** Festa Għeneb 2022

Is-Sindku informa li saret laqgħa ta' koordinament mal-uffiċjal inkarigat mill-Kultura fi ħdan ir-Reġjun Punent. Qal li kellmuh il-Grupp tal-Armar li jixtiequ jgħinu fil-loġistika, jarmaw l-antarjoli fil-Pjazza, kif ukoll jagħmlu mixgħela bil-fjakkoli fil-pjazza bit-tema tal-għeneb, u jinkitbu għal Malta Records. Is-Sindku qal li talabhom jibagħtu stima u iktar dettalji ta' x'qed joffru. Is-Sindku qal li jiproponi li l-għaqdiet ikunu l-qofol ta din l-attivita', anka biex jirkupraw xi ftit miż-żmienijiet tal-pandemija. Qed jiproponi wkoll li bħas-snin preċedenti, din l-attivita issir bil-għan li jinġabru fondi għad-Dar tal-providenza biex jiġu preżentati lejn l-aħħar tas-sena. Ġie ssuġġerit li jiġu kkuntattjati wkoll in-negozji lokali u anka produtturi tal-inbid li għandhom is-sede is-Siġġiewi. Is-Sindku informa li ser issir laqgħa mal-għaqdiet nhar it-Tnejn 8 t' Awissu fis-6.00 ta' filgħaxija u ħeġġeġ lill-Kunsilliera jattendu. Ser tkun preżenti wkoll l-uffiċjal tar-Reġjun.

**424.3.6** Netball Court f'Għar Lapsi Park

Is-Sindku qal li ġie avviċinat mill-Malta Netball Association li rringrazjaw lill-Kunsill għal court li qed isir fil-park ta' Għar Lapsi. Huwa qal li jidher li m'hawx fejn jiġi prattikat dan l-isport u talbu li jibdew jagħmlu sezzjonijiet darba f'ġimgħa. Is-Sindku qal li għad fadal isir xi xogħol fosthom l-art u in-netball pole. Is-Sindku qal li ma jsibx oġġezzjoni li jsiru sezzjonijiet hemm , u jaraha bħala ħaġa pożittiva li din l-inizjattiva inlaqgħet tajjeb u dan l-ispazju jkun qed jintuża għal skop ġust biex jiġi prattikat l-isport. Huwa qal li eventwalment, tista' ssir koordinazzjoni biex isiru lezzjonijiet bħala promozzjoni għall-istess dixxiplina.

**424.3.7** Ftehim ta' koperazzjoni bejn Parks Malta u d-Direttorat responsabbli mill-Istrateġija u Implimentazzjoni

Is-Sindku preżenta kopja tal-ftehim ifirmat bejn iż-żewġ awtoritajiet. Hu qal li Parks Malta qed joffru koperazzjoni lill-Kunsilli Lokali għal diversi inizjattivi ambjentali, liema dettalji jinsabu fl-istess ftehim iċċirkolat lill-Kunsilliera.

**424.4** **Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**424.5** **Tismija ta' toroq**

**424.5.1** Is-Sindku preżenta korrispondenza mingħand il-Kumitat Tismija ta' Toroq datata 12 ta' Lulju 2022, fejn qed jinfurmaw li xi proposti tal-Kunsill ġew aċċettati.

**424.5.2** Qed jiproponu wkoll li t-triq arterjali bejn is-Siġġiewi u Ħaż Żebbuġ li preżentement jisimha Triq is-Siġġiewi, jinbidel l-isem u tissemma Triq il-Granmastri. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u unanimament ma qabilx ma' din il-proposta, u kien hemm qbil li din l-issue terġa tiġi diskussa fis-Seduta li jmiss, flimkien mat-talba fir-raba' paragrafu fl-istess komunikat għal proposta ta' ismijiet ta' toroq fiż-żona tat-triq ta' Għar Lapsi.

**424.5.3** Il-kunsillier Julian Borg ħareġ mill-laqgħa fis-7.45pm.

**424.6** **Skema SPI/SCI/7/2022 – World Cleanup Campaign 2022**

Is-Sindku preżenta kopja taċ-ċirkulari li kienet diġa' intbagħtet lill-kunsilliera. Huwa propona li ssir applikazzjoni għal xiri ta' ashtrays biex jitwaħħlu kemm fil-bajja ta' Għar Lapsi u anka ħdejn il-każini fil-Pjazza. Huwa qal li fis-snin li għaddew saru attivitajiet ta' tindif fil-bajja ta' Għar Lapsi fejn inġabru kwantita' ta' loqom tas-sigaretti mill-blat li eventwalment jispiċċaw fil-baħar. Is-Sindku qal li il-finanzjament ta' din l-iskema huwa massimu ta' €3000 inkluż il-VAT. Is-Sindku ħeġġeġ ukoll biex issir attivita' ta' tindif fil-ġurnata tal-Cleanup Day bejn it-13 u l-21 ta' settembru 2022. Is-Sindku propona l-approvazzjoni. Il-Viċi Sindku ssekondat. Il-Kunsill qabel unanimament li ssir l-applikazzjoni għal xiri ta' ashtrays kif spjegat. Data tal-għeluq tal-applikazzjoni fit-12 t'Awissu 2022.

**424.7** **Skema SPI/SCI/8/2022 – Finanzjament Milied 2022**

Is-Sindku preżenta ċ-ċirkolari li diġa kienet mibgħuta lill-kunsilliera. Huwa propona li l-Kunsill japplika għal attivita' Milied fis-Siġġiewi, bl-involviment tal-għaqdiet lokali u d-Dar tal-Providenza, inkluż id-dekorazzjonijiet tat-toroq u sound biex titqajjem atmosfera tal-milied u anka jiġu promossi tradizzionijiet u kultura Maltija. L-ammont massimu tal-iskema huwa ta' €47,000, b'90% mill-iskema u 10% minn fondi lokali. Is-Sindku talab l-approvazzjoni biex issir din l-applikazzjoni kif imsemmi u li l-Kunsill huwa dispost jiffinanzja l-bilanċ. Il-Viċi Sindku ssekondat. Il-Kunsill unanimament qabel. Data tal-għeluq tal-applikazzjoni fid-19 t'Awissu 2022.

**424.9** **Ftehim mal-LESA dwar data processing tac-CCTVs**

Is-Sindku qal li r-Reġjun Punent qed jaħdem id f'id mal-Kunsilli Lokali biex isir iktar infurzar kontra abbuż ta' rimi illegali. Għalhekk qed isir ftehim mal-LESA skond id-data protection act biex id-data tkun tista tiġi proċessata u jinħarġu l-multi dovuti. Draft ta' dan il-ftehim kien mgħoddi lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa. Il-Kunsill unanimament approva l-iffirmar ta' dan il ftehim. Is-Sindku qal li intalbu żewġ siti addizzjonali biex jiġu installati cameras taħt dan il-ftehim. Hu qal li ġewġ siti li ilhom jintalbu għal żmien twil huma Ramija ħdejn il-kamra tad-dawl u Tal-Providenza qabel il-Kappella, żewġ punti fejn sikwit isir abbuż ta' rimi llegali. Il-Kunsilliera qablu li jiġu proposti dawn iż-żewġ siti.

**424.10** **Ftehim mal-AAC dwar liċenzjar tal-Active Ageing Centre fiċ-Ċentru Ċiviku**

Is-Sindku preżenta draft tal-ftehim bejn il-Kunsill Lokali u d-Dipartiment tal-Anzjani dwar iċ-ċentru tal-Anzjanita' Attiva' ġewwa ċ-ċentru ċiviku. Huwa qal li dan il-ftehim kien rivedut diversi drabi u emendat mill-avukat legali tal-kunsill biex jiddistingwi biċ-ċar ir-responsabiltajiet kemm tal-Kunsill u tad-Dipartiment. Huwa propona li l-ftehim kif preżentat jiġi ffirmat. Il-Kunsill unanimament qabel.

**424.11** **Inġaġġ tal-Community (Works) Manager – aġġornament**

Is-Sindku rrefera għal komunikat mill-OPM fejn jgħid li skond 'Section 1.13.6 of the Manual on Resourcing Policies and Procedures' huwa stipulat li persuni f'eta pensjonabbli m'humhiex eliġibbli biex japplikaw f'sejħa esterna mal-amministrazzjoni pubblika. Infurmawna wkoll li hemm il-possibilta' li l-Kunsill japplika għall-approvazzjoni mill-OPM biex tinħareġ sejħa miftuħa għal persuni f'eta' pensjonabbli, b'raġuni valida għaliex qed jintalab dan u spjegazzjoni għaliex il-post ma mteliex bil-proċeduri normali. Is-Sindku qal li f'dan l-istadju, l-proċess xorta mhux straight forward u għalhekk tista terġa tinħareġ sejħa mill-ġdid. Ġie kkunsidrat li s-sejħa tinħareġ għal skala inqas biex ir-rekwiżiti jkunu iktar baxxi u alura iiktar hemm possibilta li jkun hemm applikanti. Wara diskussjoni, ma kienx hemm qbil dwar dan minħabba n-natura ta' xogħol li l-pożizzjoni tirrikjedi. Is-Sindku propona li din il-materja terġa tiġi diskussa fis-seduta li jmiss.

**424.12** **Ċirk AKL 2022/072 European Week of Regions and Cities – Brussels Oct 2022**

Is-Sindku rrefera għal Ċirk AKL2020/072 mill-AKL u t-talba ta' interess għal din il-konferenza bejn id-9 u t-13 t'Orrubru fi Brussell, li ġiet iċċirkolata lill-Kunsilliera. Huwa qal li mill-Kunsill tas-Siġġiewi kien hemm erba' membri interessati, is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera Francine farrugia u s-Segretarju Eżekuttiv. Huwa qal li l-ispejjeż tal-biljett tal-ajru tas-Sindku ser ikunu koperti mir-reġjun Punent filwaqt li tat-tlett membri l-oħra minn fondi lokali. Għal din l-attendenza ser jingħata Per Diem skond ir-rati stabbiliti mill-liġi.

**424.13** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**424.14** **Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**424.15** **Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**424.16** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova l-lista tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**424.17** **Finanzi: Approvazzjoni tal-Quarterly Financial Report April-Ġunju 2022 (Q2)**
Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ir-rapport finanzjarju għat-tieni kwart tas-sena, kopja ta' dan ir-rapport kien ċirkolat lill-Kunsilliera. Is-Sindku propona l-approvazzjoni. Il-Viċi Sindku ssekondat. Il-Kunsill unanimament approva.

**424.17.1** **Audit 2021 – Risposta għall-Management letter**
Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat draft tar-risposta għal Management letter għas-sena awditjata 2021. Is-Sindku propona l-approvazzjoni. Il-Viċi Sindku ssekondat. Il-Kunsill unanimament approva.

**424.18** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Intercom tal-uffiċini m'għadhiex taħdem u ma tistax tissewwa. Hija qalet li intalbet stima biex jinbidlu l-monitors u tibqa l-istess sistema ta' wiring. L-ispiża hija ta' €659 Vat inkluż. Is-Sindku propona li tinbidel is-sistema skond l-istima Q4469 datata 20 ta' Lulju 2022 kif preżentata. Il-Kunsill unanimament qabel.

**424.19** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fit-8.15 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 29 t'Awissu 2022 fis-6.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum l-1t'Awissu 2022

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv